MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2007

Numru 661/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**SAVIOUR CACHIA**
**ANTHONY ZAMMIT**
**CARLOS CARDONA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **SAVIOUR CACHIA** ta’ hamsa w ghoxrin sena bin Salvu u Josephine nee Camilleri, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta’ Gunju 1982 u residenti 35, Triq K. Mifsud, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 312982M, **ANTHONY ZAMMIT** ta’ sitta w erbghin sena bin Joseph u Pauline nee Fenech, imwieled Pieta nhar s-sitta ta’ Mejju 1961 u residenti ‘Tonmill’, Triq Sant’Antnin, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 320761M u **CARLOS CARDONA** ta’ disgha w ghoxrin sena bin il-

mejjet Wilfred u Carmen nee Abela, imwieled Attard nhar s-sebgha ta’ Lulju 1978 u residenti ‘Vrdir’, Triq il-Kungress Marjan, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 382778M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. talli b’diversi atti maghmulin b’risoluzzjoni wahda nhar l-hamsa ta’ Lulju 2007, fil-fond maghruf bl-isem Pjazza Bar, fi Triq il-Marsa, Marsa, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rennie Lia minn Bormla u dan skond ma ccertifika Doctor M. Buttigieg MD fl-isptar San Luqa;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmelo Vella minn Santa Lucia skond ma ccertifika Doctor Kelvin Gonzi tal-isptar SanLuqa;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommettew hsara voluntarja fuq vettura tal-ghamla Tata bin-numru ta’ registrazzjoni CTH 03 ghad-dannu ta’ Carmelo Vella minn Santa Lucia;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew hsara voluntarja fuq diversi oggetti fi Pjazza Bar ghad-dannu ta’ Joseph Vella mill-Hamrun;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal Rennie Lia u ghal Carmelo Vella mill-Marsa sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jghamlulhom hsara;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputati nhar s-sitta ta’ Awissu 2007, il-fedina penali tal-istess imputati, l-patients certification form ta’ Rennie Lia kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha ta’ Awissu 2007 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputati jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgha ta’ Awissu 2007 li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dakinhar stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom, kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha t’Awissu 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-istess tlett imputati.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet lil prosekuzzjoni tirrileva li l-imputati, meta kkommettew r-reati kif dedotti fil-konfront taghhom, kienu taht provokazzjoni mill-istess vittmi li fil-fatt ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghhom wkoll u li l-istess prosekuzzjoni tinsab infurmata li Joseph Vella mhux interessat li jirkupra d-danni sofferti minnu fuq xi oggetti li jappartjenu lil Pjazza Bar.

Semghet wkoll lid-difiza tiddikjara li filwaqt li l-ammissjoni tal-imputati hija wahda skuzabbli minhabba provokazzjoni, hija ghandha kull interess li jittiehdu proceduri fil-konfront tal-allegati vittmi u li l-istess imputati ser jixhdu fl-istess proceduri.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess tlett imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbhom t-tlieta hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Rat il-fedini penali tat-tlett imputat minn fejn jirrizulta lil l-imputat Saviour Cachia ghandu erbgha reati registrati

fuqha dwar ksur tal-ordni pubbliku, tlett reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fejn inghata multi u conditional discharge, filwaqt li l-imputat Anthony Zammit ghandu sitt reati registrati fuqha dwar dagha fil-pubbliku u tfixkil fil-qadi ta' xoghol il-pulizija, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, haddem nies minghajr ktieb, dikjarazzjoni falza u naqas li jhallas kontribuzzjonijiet dwar is-sigurta socjali tal-impjegati tieghu, fejn inghata amendi u conditional discharge, kif wkoll dik tal-imputat Carlos Cardona fejn ghandu registrati fuqha zewg reati, wahda kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u l-ohra dwar ksur tal-paci pubblika, fejn inghata canfira.

Dwar il-piena il-Qorti qisiet is-segwenti fatti:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

3. li Joseph Vella mhux interessat li jirkupra d-danni sofferti minnu fuq xi oggetti li jappartjenu lil Pjazza Bar.

Ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 28A, 214, 216(1)(a)(b), 221, 325(c), 230 u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputati SAVIOUR CACHIA, ANTHONY ZAMMIT u CARLOS CARDONA hatja tal-akkuzi kif ammessi minnhom stess u tiddecidi li tikkundannhom ghal perjodu ta' tlett (3) xhur prigunerija kull wiehed liema perjodu huwa sospiz ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett snin mill-lum w it-tlett imputati ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------